MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Numru. 389/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Simon Galea)**
**(Sp. Neil Harrison)**

**vs**

**Mark Pirotta ta' 40 sena, iben Joseph**
**u Mary Anne xebba Catania, mwieled Naxxar,**
**fit-22 ta' Frar, 1961,**
**u joqghod Flat 6, Sun Valley Court A,**
**Triq il-Parrocca, Naxxar, detentur tal-karta**
**ta' l-identita' bin-numru 163261 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Mark Pirotta li gie akkuzat talli fin-Naxxar fid-29 ta' Mejju, 2001 f'xi hin filghodu

(a) ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-surgent 586 Joseph Brincat, PC 97 Silvio Bonello u PC 1174 Adrian Sciberras, inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz pubbliku, jew bi hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.
(b) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika, b'sikkina f'idu kontra s-surgent 586 Joseph Brincat, PC 97 Silivo Bonello u PC 1174 Adrian Sciberras, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.
(c) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanza kiser volontarjament il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u kliem hazin u dan kollu bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(d) Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu
(e) Minghajr ma darab jew sawwat, hedded serjament lil Shaun Sammut billi qabad arma cioe sikkina kontra Shaun Sammut minn Naxxar
(f) Habat il-bieb numru 6, l-Ghorfa Triq il-Habs, Naxxar ta' Shaun Sammut biex idejqu jew jimmolestah
(g) Aktar talli zamm, garr arma taqta' (sikkina) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba wkoll tittratta ma' l-imputat talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 3 ta' Ottubru, 1995 fejn whelk multa ta' Lm 50 u sentejn habs sospiza ghal sentejn.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita tordna l-konfiska l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti tista’ wkoll meta jidrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-peina jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri, rat ukoll li fl-interrogatorju l-akkuzat irregistra ammissjoni ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll il-pre sentencing report redatt minn Marietta Lazon.

In vista ta’ l-ammissjoni l-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(dd), 338(cc), 339 (1) (b), 338(gg) u 17 tal-Kap 9.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat kif ukoll is-sentenza esebita Dok SG2 u l-verbal fejn id-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ggib prova ta’ l-identita’ ta’ l-istess. Rat is-suggerimenti redatti fil-pre-sentencing report ta’ Marietta Lanzon, rat ukoll l-art 28A (7) u 50 tal-Kap 9. Ghaldaqstant qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena sospiza ghal tliet snin b’dan li qeghda tqeghdu taht ordni ta’ supervizjoni hawn annessa ghal zmien ta’ sentejn u tahtar ghal dan l-iskop lil Marietta Lanzon.

--------------------------------TMIEM--------------------------------